il-każ li tiġi kkunsidrata ebda talba għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

20. Għal dawn il-motivi, l-appell huwa miċħud, is-sentenza appellata hija kkonfermata, b'dan li t-terminu tat-tliet xhur prefiss in konnessjoni mat-tielet talba, għandu jibda jiddekorri mil-lum – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenut appellant.

---

**1 ta' Novembru, 1994**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Tabib Prinċipali tal-Gvern

*versus*

Antonia McBride xebba Buhagiar u żewġha Terence Joseph McBride għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tad-dsatax (19) ta' Mejju, 1992 ġew innominati kuraturi biex jirrappreżentaw lil Antonia McBride xebba Buhagiar u l-żewġha Terence Joseph McBride, l-Avukat Dottor Jana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello

## Dmir li jkunu Prodotti l-aħjar Provi

*L-aħjar provi għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti ta' prima istanza. F'dan il-każ l-aħjar provi kienu d-dokumenti esebiti quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Għalkemm in-nuqqas ta' opposizzjoni mill-kontroparti setgħet induċiet l-attur biex jikkuntenta bi provi li ma jikkostitwux l-aqwa u l-aħjar prova, xorta waħda huwa ma kienx eżentat milli jforni l-aħjar prova.*

*L-artikolu 559 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jorbot lill-Qorti biex tordna hi stess il-produzzjoni ta' l-aħjar provi.*

Il-Qorti: –

1. Dan hu appell magħmul mill-attur minn deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Novembru 1992 fuq żewġ talbiet magħmulin minnu biex dik il-Qorti:

(i) Tiddeċidi li l-konvenuta ma onoratx l-obbligu tagħha li taħdem mal-Gvern ta' Malta għal tliet (3) snin wara li rritornat minn kors ta' studju mir-Renju Unit, u

(ii) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas is-somma ta' elfejn mitejn u tmien liri Maltin tlieta u sebgħin ċenteżmu u żewġ milleżmi (Lm2,208.73ċ2,) *stante* r-riżenja mill-impjieg tagħha minn mal-Gvern fis-6 ta' Settembru 1984;

2. Il-kuraturi deputati nnominati mill-Qorti biex jirrappreżentaw lill-assenti Antonia McBride eċċepew illi huma ma kinux edotti mill-fatti illi taw lok għall-kawża u rriżervaw li jagħtu l-eċċezzjonijiet fi stadju ulterjuri. Ma jidhirx li fil-mori tal-kawża ma ġewx prodotti provi;

3. B'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

ġiet milqugħa l-ewwel talba bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *nomine*, filwaqt li ċaħdet it-tieni talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-attur;

4. L-attur ħassu aggravat bid-deċiżjoni fuq imsemmija in kwantu din tolqot it-tieni talba tiegħu u b'nota tiegħu ta' l-24 ta' Novembru 1992 huwa interpona appell minnha;

5. L-aggravji ta' l-appellant jistgħu jinġabru suċċintement f'dak li ser jingħad:

(i) Ammess li l-estratt mill-*Government Establishment Code* ma ġiex esebit mill-appellant, tali estratt kien għadu disponibbli;

(ii) Li ma kienx hemm opposizzjoni għat-talbiet tiegħu u ma ġietx prodotta prova kontrarja;

(iii) Filwaqt li l-ewwel Qorti ma sabitx diffikultà li kwantu għall-ewwel talba qagħdet fuq id-dikjarazzjoni ta' l-attur, dehrilha li kellha tiċħad it-talba għall-kundanna ta' ħlas fl-ammont ta' Lm2,208.73c2m meta din lanqas biss ma kienet opposta;

(iv) Mill-atti ma jirriżultax li l-attur kien qed jesiġi penali. It-tifsira li riedet tingħata kienet f'sens ta' sanzjoni konsistenti fil-ħlas lura ta' flus għal min ikun naqas li jonora l-obbligi tiegħu. L-element vitali hija s-sustanza tan-negozju (*recte* ftehim) u mhux il-forma;

(v) Mill-prospett "JD" li ġie kkonfermat bil-ġurament jirriżulta kif l-ammont mitlub huwa realment dovut;

(vi) Jagħmel kontro-sens li għal raġunijiet formalistiċi, min-naħa 'l waħda tafferma ksur ta' obbligi u min-naħa l-oħra teħles *minn sanzjoni* lil min ikun użufruwixxa minn fondi pubbliċi għal gwadann personali;

L-appellant għalhekk talab li din il-Qorti biex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel talba u tħassarha u tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-tieni talba;

6. L-appellati *nomine* wieġbu li s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma;

7. Il-Qorti trid tiddeċidi a bażi tal-provi prodotti u mill-atti proċesswali ma jirriżulta b'ebda mod illi l-konvenuta hija soġġetta għall-ħlas tal-penali pretiż mill-appellant;

8. L-appellant ħtieġlu jipprovdi l-provi kollha neċessarji biex jipprova l-każ tiegħu anke jekk ma kienx hemm opposizzjoni għat-tieni talba tiegħu kif iddikjarata bil-ġurament;

9. Id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq nuqqas ta' prova u mhux mogħtija għal raġunijiet formalistiċi a skapitu tal-ġustizzja;

L-appell għalhekk għandu, skond l-appellati *nomine,* jiġi miċħud bl-ispejjeż *taż-żewġ* istanzi kontra l-appellant;

10. Jibda biex jiġi rrilevat li fil-mori tal-kawża quddiem din il-Qorti, l-appellant esebixxa żewġ dokumenti importanti riferibbilment għall-kompetenza tat-tieni talba tiegħu, jiġifieri dik li dwarha sar l-appell, jiġifieri:

(i) Kopja awtentika tal-kuntratt tat-2 ta' Frar 1983 in atti

tan-Nutar Dottor Godwin Grima;

(ii) Dok. A estratt dwar ir-Regoli li jirregolaw l-għoti ta' "*scholarships*";

11. Issa din il-prova dokumentarja da parti ta' l-appellanti għalkemm ċertament tikkompleta u tissodisfa pjenament il-grad ta' provi *rikjesta għall-fini tat-tieni talba u s-somma hemm* imsemmija, jibqa' l-fatt li din il-prova kien proprjament messha saret fl-ewwel istanza. L-ewwel Qorti ċaħdet it-talba "in kwantu rriteniet li kien jinkombi fuq l-appellant li jesebixxi l-aħjar prova. Dik il-Qorti ma qalitx li l-appellant ma ressaqx provi għax fil-fatt quddiemha xehed uffiċjal amministrattiv fid-Dipartiment tas-Saħħa espressament dwar din it-talba u esebixxa wkoll prospett dettaljat – Dok. JD, a fol. 33 – indikanti l-ammont irreklamat bħala "penali" *(sic)*. Inċidentalment jiġi hawn ipprećitat li l-ammont riżultanti dovut huwa proprjament fl-ammont ta' Lm2198.15ċ u mhux dak ta' Lm2208.73ċ2m. L-aħjar provi, fatt ammess mill-appellant, *kienu d-dokumenti esebiti minnu* ulterjorment quddiem din il-Qorti. Dan kien messu jafu l-attur appellant u għalkemm in-nuqqas ta' opposizzjoni mill-kontro-parti setgħet induċietu biex jikkuntenta bi provi li ma jikkostitwux l-aqwa u l-aħjar prova, xorta waħda huwa ma kienx eżentat milli jforni l-aħjar prova. Jingħad però li l-ewwel Qorti ma kinitx ***stricto iure*** korretta li filwaqt li tippretendi tali prova fl-istess ħin **tonqos milli tordnaha** *hi* stess. Il-liġi tal-proċedura tipprovdi kjarament dwar dan. Hekk fl-art. 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hemm stipulat li ġej:

"Il-Qorti għandha fil-każijiet kollha tordna *li* ssirilha *l*-aħjar provi li l-parti tista' ġġib". Peress li sfortunatament din l-ordni ma saritx min-naħa tal-Qorti ma kienx il-każ li hija tirriġetta

d-domanda a bażi ta' dan in-nuqqas. Għandu jingħad li kien hemm x'jindika li l-probabilità li l-aħjar prova kienet teżisti u *faċilment produċibbli tul l-andament tal-kawża quddiem* l-ewwel Qorti. Fil-fatt la kien hemm xi opposizzjoni għat-tieni talba kif dedotta mill-attur appellant u lanqas xi diffikultà biex din il-prova tinġieb fl-istadju ta' l-appell. Jidher ovvju wkoll, mill-kumpless tal-provi, li l-kelma 'penali' intużat f'sens ampju u mhux fit-tifsira ristretta u speċifika li ħafna drabi *tingħata* f'kawżi ta' inadempjenza kontrattwali. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kien messha ordnat l-aħjar prova, f'liema każ ma kien ikollha ebda diffikultà li takkolji anke t-tieni talba, kif fil-fatt ser tagħmel din il-Qorti fil-limitu ta' l-ammont ta' Lm2198.15c;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell interpost mill-appellant u tirriforma għalhekk id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq imsemmija billi tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-tieni talba attriċi u tilqa' l-istess talba għas-somma ta' Lm2195.15c (elfejn mija u tmienja u disgħin lira Maltija u ħmistax-il ċenteżmu) u tikkonfermaha kwantu għall-ewwel talba u tikkundanna lill-appellati *nomine* li jħallsu dana l-ammont bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali sa l-effettiv pagament;

*In vista* taċ-ċirkostanzi li taw lok għal dana l-appell, l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għat-tieni talba deċiża mill-ewwel Qorti jibqgħu bla taxxa, filwaqt li dawk relattivi għal dina l-istanza għandhom jiġu ssopportati interament mill-attur appellant.